

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2007/2119(INI)

18.7.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

dwar l-istrateġija Komunitarja sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 minn karożżi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief (2007/2119(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Wolfgang Bulfon

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

- A. wara li kkunsidra l-importanza ewlenija ta' l-integrazzjoni ta' objettivi vinkolanti u definiti b'mod ċar fil-qasam ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ minn karozzi tal-passiġġieri fl-interess kemm ta' l-iffunzjonar mingħajr problemi tas-suq intern u kif ukoll fl-interess tal-forniment ta' informazzjoni komprensiva lill-konsumaturi li tippermettilhom li jieħdu deċiżjoni infurmata u b'hekk ikunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod essenzjali għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO₂,
- B. billi d-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar id-disponibilità ta' informazzjoni lill-konsumatur dwar l-iffrankar tal-fjuwil u emissjonijiet tas-CO₂ fir-rigward tal-kummerċjalizzar ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri¹ ma kenitx effettiva biżżejjed u l-Istati Membri naqsu milli jagħmlu traspożizzjoni b'mod uniformi,
- C. wara li kkunsidra l-introduzzjoni b'suċċess ta' kategoriji ta' effiċjenza ta' l-enerġija għal numru ta' prodotti (eż. tagħmir elettriku u dak tad-dar), li joffru lill-konsumaturi Ewropej għajjnuna Prattika fid-deċiżjonijiet tagħhom ta' xiri permezz ta' l-użu ta' ittra jew kulur li jinfthiemu faċilment, u li jippermettilhom li jiffrankaw l-enerġija u jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂,
- D. billi ntweru li jista' jinkiseb tnaqqis sinifikanti ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ permezz tar-rispett konsistenti tal-limiti tal-veloċità fl-Istati Membri kollha,
- E. ***wara li kkunsidra r-rapport tal-31 ta' Ottubru 2006 tal-Programm Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima bit-titolu "Reviżjoni u analiżi tat-tnaqqis u l-ispejjeż potenzjali ta' miżuri teknoloġiċi u oħrajn sabiex jonqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karozzi tal-passiġġieri"***,
- F. Billi huwa importanti li, sabiex jonqos il-ħruġ ta' emissjonijiet ta' CO₂ iridu jittieħdu miżuri sabiex jistimulaw u jtejjbu l-kwalità u l-firxa tat-trasport pubbliku sabiex il-qalba minn vetturi personali għal trasport pubbliku tkun aktar attraenti u b'hekk jonqos l-ammont totali ta' emissjonijiet ta' CO₂ li jirriżultaw minn persuni li jivvjaġġaw.
- G. *billi miżuri dwar l-attitudnijiet tas-sewwieqa u miżuri ta' infrastrutturi s'issa ġew traskurati fl-istrateġija ta' l-UE għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karozzi iżda għandhom potenzjal għoli fis-sens ta' evitar ta' CO₂,*
- H. ***billi politika li tiffoka esklussivament fuq it-teknoloġiji tal-vetturi hemm ċans tajjeb li twassal għal żidiet sinifikanti fl-ispejjeż għall-konsumaturi, u b'hekk ittawwal iż-żmien qabel ma' l-flotta tal-karozzi tinbidel, fattur li huwa ċentrali għas-sikurezza ambjentali***

¹ ĠU L 12, 18.1.2000, p. 16. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

u tat-triq,

1. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tintroduċi miżuri li jorbtu bil-għan li tintlaħaq il-mira ta' 120g CO₂/km rigward l-emissjonijiet, flimkien ma' miżuri kumplementarji bħal ma huma l-ekosewqan, il-bijofjuwil u l-immonitorjar tal-pessjoni tat-tajers; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiżgura l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri fl-Istati Membri kollha fi żmien 5 snin mid-dħul fis-seħħ ta' l-att leġislativ rilevanti;
2. Fejn il-produtturi ma jagħmlux parti minn manifattur tal-karozzi tal-massa, iqis li għandu jkollhom miri mandatorji rigward it-tnaqqis tas-CO₂ bbażati fuq il-prestazzjoni attwali;
3. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tipproponi emendi xierqa għad-Direttiva 1999/94/KE, b'mod partikulari bil-għan li tiżgura li ssir traspożizzjoni kif suppost sabiex tiġi pprovduta informazzjoni komprensiva u li tiftiehem mill-konsumatur;
4. Jitlob li jiġu introdotti klassijiet ta' effikaċja uniformi rigward is-CO₂, definiti permezz ta' emissjonijiet tas-CO₂ (g/km) u konsum tal-fjuwil (l/100km), u dawn għandhom jitwaħħlu fejn jidhru fuq il-vetturi, f'forma li tkun faċli li jintużaw u jekk jista' jkun bl-użu ta' kuluri differenti għal raġunijiet komparattivi;
5. Jitlob li l-informazzjoni ta' hawn taħt immirata għall-konsumatur tkun obligatorja biex tinxtara vettura:
 - it-taxxa annwali fuq il-vettura, jekk fattur marbut mas-CO₂ huwa inkluż fil-kalkolu ta' din it-taxxa fl-Istat Membru fejn isir ix-xiri;
 - id-devjazzjoni mill-konsum medju tal-fjuwil għal kull kategorija tal-vetturi (f'termini assoluti u bħala persentaġġ), inklużi it-tnaqqis jew iż-żieda fin-nefqa medja għall-fjuwil li jirriżultaw;
6. Jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' teknoloġija fil-vetturi sabiex tinkorraġġixxi mgħiba li tkun konxja mill-ambjent min-naħa tas-sewwieqa, bħal disinnji viżibbli li juru l-konsum tal-fjuwil u l-ispejjeż - għall-vjaġġ attwali flimkien ma' figuri korrispondenti għal rotot li spiss jintużaw għall-vjaġġ, indikaturi għall-bidla tal-gerijiet, tagħmir li b'mod attiv iwissi dwar il-limiti tal-veloċità u għajnuniet għas-sewwieq sabiex jikkontrollaw il-veloċità, inklużi limitaturi tal-veloċità;
7. Jitlob, bil-għan li jevita l-frammentazzjoni tas-suq intern, li jiġu stabbiliti defnizzjonijiet għall-UE kollha tal-valuri ta' emissjonijiet tas-CO₂ li jistgħu jintużaw mill-Istati Membri meta jiffissaw inċentivi ta' taxxi relatati ma' l-emissjonijiet;
8. Sabiex jippromwovi talba qawwija min-naħa tal-konsumatur għal vetturi b'emissjonijiet baxxi ta' CO₂, jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' sistema ta' gradi ta' rendiment ambjentali "green star", li tqis l-aspetti kollha tar-rendiment ambjentali, inklużi l-emissjonijiet tas-CO₂ (g/km) u l-emissjonijiet ta' sustanzi oħra ta' tniġġis, il-konsum tal-fjuwil (l/100km), it-toqol, l-ajrodinamika, l-effikaċja ta' spazju, l-istorbju u l-għajnuniet favur sewqan ambjentali;
9. Jirrakkomanda li l-ebda vettura m'għandha tkun kapaċi tikseb grad massimu "green star"

jekk ikollha veloċità massima ta' aktar minn 180 km/h;

10. Jemmen, li l-introduzzjoni ta' sistema "green star" tipprovdi informazzjoni trasparenti lill-konsumaturi, u tista' tiffirma l-bażi għall-premju ta' "l-iktar vettura effiċjenti tas-sena", għall-vettura li jkollha l-aħjar rendiment f'kull klassi;
11. Jinnota l-irwol importanti tal-produtturi speċjalizzati ta' karozzi lussużi u ta' qawwa kbira bħala pijunieri tat-teknoloġija avvanzata, biex jibqgħu joffru impjiegi ta' kwalità għolja, biex jiġġeneraw bejgħ globali u jikkontribwixxu fl-ekonomija Ewropea, u jinnota li l-**għarfien speċjalizzati ta' produtturi ta' dan it-tip għandu jikkontribwixxi b'mod sostanzjali fit-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karozzi;**
12. **Jistieden lill-Kummissjoni sabiex bħala parti mill-istrateġija tagħha sabiex jitnaqqas il-livell ta' CO₂ li joħroġ mill-karozzi tinkludi kampanja madwar l-UE kollha dwar l-ekosewqan;**
13. Jirrakkomanda li jiġu ffixxati aktar miri ta' effiċjenza fil-fjuwil għal wara l-2012 sabiex ikomplu jonqsu l-emissjonijiet tal-vetturi filwaqt li tiġi pprovduta aktar ċertezza għall-partijiet kollha involuti;
14. **Jappoġġja taxxa fuq il-karozzi u fuq il-fjuwils alternattivi li tkun ibbażata fuq is-CO₂ sabiex ikun hemm l-inċentivi t-tajba għall-konsumaturi u għall-industrija;**
15. **Jisħaq dwar il-fatt li kwalunkwe regoli għandhom jissalvagwardjaw is-suq intern u li l-Istati Membri għandhom jimplementaw ir-regoli ta' l-UE f'data komuni u b'metodi komuni sabiex jiġu evitati t-tfixkil u l-frammentazzjoni tas-suq.**

PROĊEDURA

Titolu	L-Istrategġija Komunitarja sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO ₂ minn karożżi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief
Numru tal-proċedura	2007/2119(INI)
Kumitat responsabbli	ENVI
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 6.6.2007
Rapporteur ta' opinjoni Data tal-ħatra	Wolfgang Bulfon 4.6.2007
Eżami fil-kumitat	27.6.2007 16.7.2007
Data ta' l-adozzjoni	17.6.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Charlotte Cederschiöld, Gabriela Crețu, Mia De Vits, Rosa Díez González, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Anna Hedh, Iliana Malinova Iotova, Kurt Lechner, Lasse Lehtinen, Toine Manders, Nickolay Mladenov, Zita Pleštinská, Guido Podestà, Giovanni Rivera, Zuzana Roithová, Luisa Fernanda Rudi Ubeda, Heide Rühle, Leopold Józef Rutowicz, Marianne Thyssen, Horia-Victor Toma, Jacques Toubon, Barbara Weiler
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	André Brie, Wolfgang Bulfon, Othmar Karas, Manuel Medina Ortega, Joseph Muscat, Pier Antonio Panzeri, Béatrice Patrie
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Holger Kraemer
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	...